

Brussell, 4 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

16201/25

LIMITE

AG 189  
BETREG 47

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---


Suġġett: Konklużjonijiet dwar is-simplifikazzjoni u regolamentazzjoni aħjar

---

1. Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2025, ippreżentat mill-Kummissjoni fi Frar 2025, jinkludi aġenda ta' implimentazzjoni u simplifikazzjoni li għandha l-għan li tissimplifika l-leġislazzjoni eżistenti tal-UE permezz ta' sensiela ta' proposti leġislattivi Omnibus fi sforz biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE. Il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid dan l-għan fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2025 billi ħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-koleġislaturi jevitaw ir-regolamentazzjoni żejda u l-introduzzjoni ta' piżijiet amministrattivi ġodda.
2. F'dan il-kuntest, il-Presidenza ppreżentat abbozz ta' konklużjonijiet dwar il-konsegwenzi ekonomiċi tal-leġislazzjoni tal-UE fil-laqgħa tal-Grupp Antici tat-18 ta' Novembru 2025. Wara konsultazzjoni bil-miktub u skambju ta' fehmiet sussegwenti dwar l-abbozz rivedut ta' konklużjonijiet, il-Grupp Antici laħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz tat-test fit-2 ta' Diċembru 2025 u qabel li jibagħtu lill-Coreper u lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test li jinsab fl-Anness, u jistieden lill-Kunsill japprovah bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

---



**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IS-SIMPLIFIKAZZJONI  
U REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JISSOTTOLINJA li l-leġiżlazzjoni tal-UE taqdi rwol importanti biex jinkisbu l-politiki tal-Unjoni, fost l-oħrajn billi tipproteġi d-drittijiet taċ-ċittadini, tissalvagwardja s-sigurtà tal-ħaddiema, tiżgura l-prosperità, l-inklużjoni, l-ugwaljanza u t-tkabbir sostenibbli, kif ukoll tarmonizza r-regoli u l-proċeduri madwar l-Istati Membri, li huwa vitali għas-Suq Uniku.
2. JIEĦU NOTA tal-osservazzjonijiet fir-rapport ta' Draghi tal-2024 li r-regoli tal-UE jistgħu f'xi każijiet joħolqu kumplessità bla bżonn u burokrazija mhux ġustifikata li jfixklu l-kompetittività tal-Ewropa, li l-istokk ta' leġiżlazzjoni għadu kbir u l-fluss ta' leġiżlazzjoni ġdida fl-UE qed jikber b'rata aktar mgħaġġla meta mqabbel ma' ekonomiji komparabbli oħra, u wkoll li, sa issa, l-isforzi biex jitnaqqsu l-istokk kif ukoll il-fluss kellhom impatt limitat.
3. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2025, li jafferma mill-ġdid il-ħtieġa urġenti li tiġi avvanzata aġenda ambizzjuża u mmexxija orizzontalment ta' simplifikazzjoni u regolamentazzjoni aħjar fil-livelli kollha mingħajr ma jiddgħajfu l-prevedibbiltà, l-għanijiet ta' politika, l-istandards għoljin u l-integrità tas-Suq Uniku. Dawn jappellaw ukoll għal sforzi biex jitnaqqsu drastikament, bħala kwistjoni ta' urġenza, il-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ta' rapportar għan-negożji u għall-awtoritajiet pubbliċi, u jħeġġu lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi jevitaw ir-regolamentazzjoni żejda u l-introduzzjoni ta' piżijiet amministrattivi ġodda mhux ġustifikati, b'mod partikolari fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), matul il-proċess leġiżlattiv u ta' implimentazzjoni fil-livelli kollha u jappellaw għal awtostrizzjoni leġiżlattiva u regolatorja f'konformità ma' approċċ ta' "sempliċità sa mit-tfassil".

4. ITENNI r-responsabbiltà tiegħu, flimkien mal-Kummissjoni u l-Parlament, li jfasslu leġislazzjoni tal-Unjoni ta' kwalità għolja u li jiżguraw li tali leġislazzjoni tiffoka fuq oqsma fejn ikollha l-aħjar valur miżjud għaċ-ċittadini Ewropej, tkun kemm jista' jkun effiċjenti u effettiva fil-kisba tal-oġġettivi komuni tal-politika tal-Unjoni, tkun sempliċi u ċara kemm jista' jkun, tevita r-regolamentazzjoni eċċessiva u l-piżijiet amministrattivi mhux ġustifikati għaċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet u n-negozji, speċjalment l-SMEs, u tkun imfassla bl-għan li jiġu ffaċilitati l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni prattika tagħha u biex jissaħħu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-ekonomija tal-Unjoni.
5. JILQA' l-isforzi tal-Kummissjoni permezz tal-pakketti ta' simplifikazzjoni Omnibus biex tnaqqas l-istokk akkumulat ta' piżijiet fuq in-negozji u ċ-ċittadini, u JISSOTTOLINJA l-impenn tal-Kunsill li jmexxi l-ħidma 'l quddiem mingħajr dewmien.
6. JENFASIZZA l-impenn tiegħu għal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, li jiżguraw il-prinċipji ta' tfassil tal-liġijiet trasparenti, ibbażat fuq l-evidenza u inklużiv.

#### **Monitoraġġ tal-kostijiet u l-benefiċċji mill-fluss ta' leġislazzjoni ġdida tal-UE**

7. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-isforzi ta' simplifikazzjoni Omnibus jiġu kkomplementati bi sforz biex jiġu mmonitorjati u mnaqqsa l-piżijiet mhux ġustifikati mill-fluss ta' leġislazzjoni ġdida tal-UE, biex it-tfassil ta' leġislazzjoni ġdida jsir aktar immirat u effettiv, filwaqt li jiġu massimizzati l-benefiċċji ċari tagħha.
8. JENFASIZZA li huma biss il-piżijiet li jirriżultaw mill-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament ta' proposti leġislattivi individwali li qed jiġu mmonitorjati bħalissa, mhux il-kostijiet u l-benefiċċji aggregati mill-fluss ta' leġislazzjoni ġdida tal-UE.
9. JAQBEL, bl-għan li jkun hemm monitoraġġ aħjar tal-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament mill-fluss ta' leġislazzjoni ġdida tal-UE, li:
  - a) il-Presidenza darba kull semestru tipprovdi ħarsa ġenerali aġġornata tal-benefiċċji ekonomiċi, soċjali, regolatorji u oħrajn kif ukoll il-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament għan-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi minn proposti li qed jiġu nnegozjati bħalissa.

- b) Abbażi ta' din il-ħarsa ġenerali, il-Kunsill fil-konfigurazzjonijiet ECOFIN u COMPET tiegħu jiddiskuti l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u regolatorji u l-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament aggregati għan-negozji, iċ-ċittadini, u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, anke fil-livell tal-UE, mil-leġislazzjoni proposta tal-UE, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi ta' konfigurazzjonijiet oħra tal-Kunsill.
- c) Il-Kunsill (KAĠ) ser jieħu kont ta' dawn id-diskussjonijiet, b'mod partikolari fid-diskussjonijiet tiegħu dwar is-simplifikazzjoni u dwar l-ipprogrammar leġislattiv.
10. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tikkontribwixxi għal dan ta' hawn fuq, filwaqt li tibni fuq l-esperjenzi tal-passat tal-Istħarriġiet tal-Piż Annwali u l-approċċ "One in, one out", kif ukoll il-prinċipju "One in, 27 out".

### **Valutazzjoni tal-impatt matul il-proċess leġislattiv**

11. JISSOTTOLINJA li valutazzjonijiet tal-impatt ta' kwalità għolja ta' proposti leġislattivi ġodda, fosthom valutazzjonijiet kwantitattivi bir-reqqa tal-kostijiet u l-benefiċċji għaċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri, huma essenzjali għal tfassil aħjar tal-liġijiet.
12. JENFASIZZA li l-biċċa l-kbira tal-proposti leġislattivi b'impatti sinifikanti mistennija jkunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt, madankollu xi drabi din il-valutazzjoni tal-impatt ikollha stimi parzjali biss.
13. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex twettaq b'mod konsistenti valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa tal-proposti leġislattivi li mistennija jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti bbażati fuq kriterji definiti sew bil-ħsieb li jintlaħqu l-għanijiet ta' politika tal-Unjoni b'mod effettiv u effiċjenti u biex jiġu mmonitorjati aħjar il-kostijiet u l-benefiċċji mill-fluss ta' leġislazzjoni ġdida tal-UE, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-impatti differenti li l-leġislazzjoni tal-UE jista' jkollha fuq is-sistemi legali tal-Istati Membri, fuq ir-reġjuni fosthom is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri Gżejjer, kif ukoll l-istrateġiji Makroreġjoni eżistenti u futuri, u fuq id-drittijiet fundamentali madwar l-UE. JIRRIKONOXXI l-potenzjal tal-ġhodod diġitali fil-valutazzjoni tal-impatti tal-leġislazzjoni tal-UE.

14. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tinkludi fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha, fejn rilevanti, "test tal-kompetittività" li għandu l-għan li jivvaluta l-impatt tal-leġiżlazzjoni proposta fuq il-kompetittività tan-negozji Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs.
15. JIRRIKONOXXI li l-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament kif ukoll piżijiet regolatorji oħra tal-leġiżlazzjoni tal-UE jistgħu jiżdedu matul il-proċess leġiżlattiv.
16. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tikkondividi d-data, is-suppożizzjonijiet u l-metodoloġiji kollha użati fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha flimkien ma' informazzjoni dwar il-partijiet terzi involuti fil-proċess preparatorju, filwaqt li tipprijoritizza l-konsultazzjonijiet pubbliċi fuq konsultazzjonijiet ad hoc. F'każ ta' informazzjoni sensittiva, għandhom jiġu stabbiliti mal-koleġiżlaturi mekkaniżmi xierqa għat-trażmissjonijiet.

### **Tnaqqis tal-piżijiet li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni sekondarja u mill-implimentazzjoni**

17. JISĦAQ li l-kumplessità tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament li jirriżultaw minnha għan-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi jirriżultaw ukoll minn użu eċċessiv ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni.
18. JISSOTTOLINJA li l-atti leġiżlattivi (livell 1) għandu jkun fihom l-għażliet politiċi essenzjali kollha, ikunu ċari dwar l-oġġettivi għall-adozzjoni ta' atti delegati u atti ta' implimentazzjoni, u jipprovdu, fejn fattibbli u meħtieġ, inqas setgħat bħal dawn. Fejn rilevanti, il-valutazzjoni tal-impatt bażika mwettqa mill-Kummissjoni għandha tinkludi wkoll valutazzjoni preliminari tal-ħtieġa li jiġu adottati atti delegati jew ta' implimentazzjoni sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-prevedibbiltà legali.
19. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni biss fejn meħtieġ u xieraq, tiġġustifika l-għażla tagħhom fl-atti leġiżlattivi li fuqhom huma bbażati, u toqgħod lura milli tintroduċi kostijiet u piżijiet ġodda li mhumiex espliċitament mitluba minn dawk l-atti leġiżlattivi.

20. JENFASIZZA li l-atti delegati u ta' implimentazzjoni għandhom ikunu ffukati, proporzjonati u tekniċi fin-natura tagħhom, fil-parametri tas-setgħat mogħtija, u li l-elementi essenzjali ta' qasam għandhom ikunu riżervati għall-att leġiżlattiv u għaldaqstant ma għandhomx ikunu s-suġġett ta' delega tas-setgħa.
21. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tibda u, jekk diġà bdiet, tkompli u tikkonkludi, tipproduċi l-prijoritizzazzjoni mħabbra tagħha ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni.
22. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' xi atti delegati u ta' implimentazzjoni għaċ-ċarezza, il-gwida, u l-implimentazzjoni bla xkiel tal-leġiżlazzjoni bażika. JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal approċċ trasparenti mill-Kummissjoni, inkluż il-konsultazzjoni tal-Kunsill fl-ippjanar, il-prijoritizzazzjoni u l-posponiment ta' leġiżlazzjoni sekondarja.
23. IFAKKAR fl-impenn tal-Kummissjoni, bħala regola ġenerali, li twettaq valutazzjonijiet tal-impatt għal atti delegati u ta' implimentazzjoni li mistennija jkollhom impatti sinifikanti.
24. JIRRIKONOXXI li jistgħu jinħolqu piżijiet addizzjonali mhux ġustifikati mill-implimentazzjoni fl-Istati Membri, b'mod partikolari mit-traspożizzjoni tad-Direttivi. JISĦAQ li s-simplifikazzjoni tikkonċerna kemm it-tfassil kif ukoll l-implimentazzjoni tal-politika, u li m'għandhomx jiġu introdotti piżijiet addizzjonali mhux ġustifikati fil-proċess ta' implimentazzjoni. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura l-pubblikazzjoni f'waqtha tal-linji gwida ta' implimentazzjoni ferm qabel l-iskadenzi għat-traspożizzjoni jew id-dħul fis-seħħ.